**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 70

Data tal-laqgħa: 14 ta' April, 2023

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' April 2023 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Abraham Aquilina<br>Carl Grech |
| Assenti | Marilena Hassan |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m. billi ntqalet it-talba.

**70/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**70/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Marilena Hassan biex tiġi skużata minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li tiġi reġistrata bħala Assenti b'appoloġija.

**70/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 69**

**70/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**70/02/02** **Para 69/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ewwel fażi ta' xogħol fuq il-kamra li tinsab biswit l-iskola lest.

**70/02/03** **Para 69/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bandli ta' Ġnien il-Paċi ġie inawgurat fil-31 ta' Marzu 2023.

**70/02/04** **Para 69/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadu ma sar xejn.

**70/02/05** **Para 69/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero ħa isir minn Infrastructure Malta.

**70/02/06** **Para 69/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**70/02/07** **Para 69/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill applika flimkien ma' Reġjun Lvant għal fondi mill-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard.*

**70/02/08** **Para 69/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*cover* tal-platform lifter għadha ma saritx.

**70/02/09** **Para 69/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xogħol mill-Bulletproof Fitness biex isir *open gym* fi Ġnien tal-Ponta dalwaqt jibda.

**70/02/10** **Para 69/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta mill-Lands Authority fuq il-kuntratt ta' subleasing ta' Torri tas-Semaforu.

**70/02/11** **Para 69/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

**70/02/12** **Para 69/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja għadha ma tpoġġietx ma' dawra taz-zuntier.

**70/02/13** **Para 69/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien talab l-ERA sabiex tiġi installata kamera tas-sigurta' fejn l-isptar tal-Ferħa kif ukoll fi Triq Għaxqet l-Għajn. Sal-lum ma smajna xejn.

**70/02/14** **Para 69/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nitolbu lil Onor. Ministru Dr Stefan Zrinzo Azzopardi biex jgħinna sabiex isir railing madwar il-perimetru tal-pill box.

**70/02/15** **Para 69/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**70/02/16** **Para 69/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta rigward il-possibbiltà li jsiru traffic lights fi Triq in-Naxxar fil-parti d-dejqa.

**70/02/17** **Para 69/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi.

**70/02/18** **Para 69/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bust ta' Guido Tanti li ser jitpoġġa f'Misraħ il-Knisja ħdejn numru 16, il-Perit qed jistenna l-clearance mill-Lands Authority.

**70/02/19** **Para 69/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta minn Transport Malta rigward is-suġġeriment li jsiru strippi mal-art fil-bidu ta' Triq San Ġwann.

**70/02/20** **Para 69/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qed tiġbor stimi għal 3 notice boards (ta' ħdejn il-latrina, ta' ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu u ta' ħdejn il-grawnd ta' Xwieki).

**70/02/21** **Para 69/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet kitbet lil Enemalta sabiex tiżdied bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**70/02/22** **Para 69/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat 4 tabelli qrib il-playing fields sabiex il-vetturi jkunu konxji biż-żona fil-viċinanzi.

**70/02/23** **Para 69/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minn 1 MC bay ser nippruvaw noħorġu 2/3 oħra fi Triq Stiefnu Zerafa.

**70/02/24** **Para 69/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Bertu Aquilina lesta x-xogħol fuq il-ħajt ta' barra ta' Ġnien il-Paċi.

**70/02/25** **Para 69/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni għal Community Greening Grant (Project Green) ma smajna xejn.

**70/02/26** **Para 69/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni għal Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi ma smajna xejn.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**70/02/27** **Para 69/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li parti minn bankina fi Vjal ir-Repubblika tranġat.

**70/02/28** **Para 69/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella ta' CCTV fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**70/02/29** **Para 69/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sistema ta' dawl fi Ġnien il-Paċi tranġat.

**70/02/30** **Para 69/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta biex isir *sleeping police* fi Triq Ferdinandu.

**70/02/31** **Para 69/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta biex isir double yellow line taħt it-tieqa ta' residenza fi Triq Ferdinandu.

**70/02/32** **Para 69/05/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ma jaqblux li Triq Dun K. Vella tiġi *one-way*.

**70/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**70/03/01** Is-Sindku pproponiet li jeħlu żewġ lampi ġodda fi Sqaq tal-Ħofra. Kien hemm qbil unanimu.

**70/03/02** Is-Sindku pproponiet li parti minn Triq Santa Katerina tiġi *one-way*. Il-Kunsilliera ma qablux ma din il-proposta.

**70/03/03** Is-Sindku pproponiet li ser isiru 3 attivitajiet fix-xahar ta' Mejju. It-Tberik tal-Annimali (Il-Ħadd, 14 ta' Mejju 2023), Eastern Region Boxing Tournament (Is-Sibt, 20 ta' Mejju 2023) u l-Festa tal-Ħalib (Il-Ħadd, 28 ta' Mejju 2023). Kien hemm qbil unanimu.

**70/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**70/04/01** Ma kienx hemm.

**70/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**70/05/01** Ġiet innutata korrispondenza minn SEM – Open Call: CERV

**70/05/02** Ġiet innutata korrispondenza minn resident – Karozzi tal-Linja f'Ħal Għargħur.

**70/05/03** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – Ref: 9223 Ġie approvat Reserved Parking Bay fi Triq il-Kbira (permanent).

**70/05/04** Ġiet innutata korrispondenza *Regional Football Tournament* flimkien ma' Għargħur FC.

**70/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 8 ta' Marzu 2023).

**70/05/06** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – Ref: 9768 Ġie approvat Reserved Parking Bay fi Triq il-31 ta' Marzu għal sena.

**70/05/07** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur iddiskuta u approva l-applikazzjoni tal-Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024.

**70/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Lawrence Cauchi – Life Long Learning Sessions.

**70/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Ramona Portelli – Wi-Fi points Provduti minn Tech.mt.

**70/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 22 ta' Marzu 2023).

**70/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 5 ta' April 2023).

**70/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 13 ta' April 2023).

**70/05/13** Ġiet innutata korrispondenza Ċir AKL 2023/027 – European Bench for Local Councils.

**70/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Neville Galea – Skemi għall-Kunsilli Lokali 2023 – It-Tieni Parti. Kien hemm qbil li naraw jekk nistgħux napplikaw.

**70/05/15** Ġiet innutata korrispondenza minn residenta rigward talba għal Communal Blue Bay fi Triq Caravaggio. Ġie deċiż li nibagħti l-applikazzjoni lil Transport Malta

**70/05/16** Fuq it-talba biex isiru kaxxex tal-qtates fi Ġnien il-Paċi - Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**70/05/17** Fuq it-talba biex isiru grampuni ħdejn il-residenzi minħabba l-boroż ta' żibel - Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**70/05/18** Fuq it-talba ta' residenta biex titneħħa t-tabella 'vleġġa' fi Triq Ferdinandu. Kien hemm qbil unanimu.

**70/05/19** Fuq il-kwistjoni tal-KEEP CLEAR BAY fi Triq Mons. Luigi Catania. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali jimxi skont id-deċiżjoni ta' Transport Malta.

**70/05/20** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq talba għal zebra crossing fi Triq San Bartilmew fil-biċċa ta' fuq. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax inkella jinqata' l-parkeġġ.

**70/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**70/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**70/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**70/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju 2023 fil-5:30p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**